# L-ASPETT SOĊJALI TAL-FESTA MALTIJA

minn Dr. Oliver Friggieri



Mill-qari tal-Venġelu stess toħroġ innisġa tal-fidi mal-kultura. Biex ifisser verità tas-sema. Kristu jinqeda bi xbieha, b'parabbola, jiġifieri bi stampi li jfissru u jifiehmu aħjar. Fil-fatt, Kristu jitkellem sikwit b'lingwaġġ poetiku. U Kristu silet it-taħdit tiegħu mill-kultura tas-soċjetà ta' madwaru. Hi meravilja, min-naħa l-oħra, li x-xbihat tiegħu ta' elfejn sena ilu għadhom friski u ħajjin illum ukoll, u jħallu effett qawwi anki meta ssemmihom fiċ-ċiviltà tal-magni, tal-komputer u l-bqija.

Wieħed mill-effetti kotrana li ħalla Kristu hu li l-messaġġ tiegħu mhux biss intlaqa' bħala fidi, iżda tlaħħam, mal-kulturi li laqgħuh. Dan igħodd għad-dinja kollha, u mhux għall-Ewropa biss. Il-gżira Maltija, biex niġu għas-suġġett tagħna, rabtet f'għoqda waħda t-twemmin u l-kultura tagħha, tant li m'hux possibli li tħares lejn Malta jekk mhux pajjiż fejn il-kultura hi reliġjon u fejn ir-reliġjon hi kultura. Ifred waħda mill-oħra u bħallikieku ma' kollox: hekk ikun organiżmu - il-partijiet jaħdmu flimkien biex jipproduċu riżultat wieħed.

Hemm il-kultura fis-sens dejjaq ta' arti: il-pittura, il-mużika, l-iskultura, il-letteratura, l-arkitettura. Ħarsa ħafifa lejn dawn l-oqsma ta' l-arti f'Malta sseddaq minnifih il-fehma li Malta ma tiftihemx jekk mhux bħala kattidral wieħed. L-artisti kollha tnebbħu u għadhom jitnebbħu mit-twemmin, li mbagħad bis-sengħa tagħhom jitbiddel f'arti.

Hemm, imbagħad, il-kultura fis-sens wiesa' ta' mġiba jew tradizzjoni popolari. F'dan id-dawl huwa kultura kull egħmil li jagħmel il-bniedem biex ifisser ruħu. Hawn tidħol, fost fenomeni oħrajn, il-festa Maltija, li hi okkażżjoni soċjali wkoll, għad li d-definizzjoni oriġinali tagħha hi ta' wirja ta' fidi. Meta nikkritikaw il-festa Maltija u nissuspettaw li saret pagana, inkunu qegħdin nagħmlu d-divorzju tal-fidi mill-kultura. Inkunu qegħdin nistennew fidi mingħajr kultura, bħallikieku nistennew li ċittadin Malti, li jitkellem bil-malti, ma jitlobx 'l Alla bil-Malti. Il-bniedem Malti, bil-lingwa Maltija (riżultat tal-kultura) jitlob lil Alla (riżultat tal-fidi), kif se jitlob mingħajr kultura?

Għalhekk fil-festa maltija nsibu l-ingredjenti kollha li jagħmluha okkażjoni soċjali, tal-Maltin bħala Maltin, u mhux biss tal-Maltin bħala Nsara. Mela f'din l-okkażjoni l-Maltin jemmnu daqskemm jieklu u jixorbu; jitolbu daqskemm ikantaw u jilbsu pulit; imorru l-knisja daqskemm iduru l-każini u jżejnu d-djar; iħarsu lejn is-sema daqskemm jibqgħu b'riġlejhom imsammrin ma' l-art. Hekk hu l-bniedem.

Fi kliem ieħor, jekk tneħħa' l-festa tal-Maltin mix-xniexel soċjali, tkun qiegħed tissogra li toqtol l-ispirtu reliġjuż tagħha stess. Meta l-Maltin jiltaqgħu u jifirħu

flimkien, bit-tiżjin, bl-ikel u bix-xorb u l-bqija, ikunu qegħdin jinqdew bil-fidi biex jagħmlu espressjoni kulturali; min-naħa l-oħra, u bl-istess mod, ikunu qegħdin joħolqu l-kultura bis-saħħa ta' fidi li tgħaqqadhom.

Anki l-apprezzament ta' l-istatwa, tal-knisja mżejna, tal-mużika tal-festa huma, fuq naħa, kulturali, u fuq in-naħa l-oħra, espressjoni ta' fidi. Għal mument jidher li bħallikieku l-fidi (spiritwali) tkun għebet għaliex ħadet xejra ''pagana'' jew materjali. Imma l-bniedem hu ġisem u ruħ flimkien. Il-fatt li kotra ta' nies jinġabru flimkien fl-istess post u fl-istess żmien b'għan wieħed hu diġa' fatt pożittiv ħafna. Fil-kuntest Malti nistgħu nserrħu rasna għallinqas minn ħaġa: ebda okkażjoni Maltija oħra ma toffri l-għaqda u s-solidarjetà li toffri l-festa parrokkjali. Jekk fil-politika u fi ħwejjeġ oħra l-Maltin jinfirdu, fil-festa parrokkjali l-Maltin jingħaqdu. Jekk hemm festi li huma għajn ta' firda fi ħdan l-istess parroċċa, dan ma jfisser xejn ħlief li daħlet xi ħaġa fin-nofs li ħassret dan il-mudell u ma ħallitux jagħti r-riżultati pożittivi li jagħti s-soltu fil-biċċa l-kbira tal-każijiet. Dan hu forsi l-mument li wieħed igħid li r-rabta bejn il-fidi u l-kultura sfat vittma ta' żbilanċ: favur il-kultura u kontra l-fidi. Ir-regola, madankollu, hi ta' bilanċ bejn it-tnejn, bħall-kefef indaqs ta' miżien wieħed.

Il-festa Maltija, bħalma hu, fuq skala wisq akbar ta' pajjiż tant kbir, il-karnival Brażiljan, hi l-aqwa manifestazzjoni tal-gżira; anki l-ħajja politika ħadet ix-xejriet ta' din il-festa għall-okkażjonijiet tagħha. L-ispinta ġdida li ħadu l-festi dan l-aħħar hi xhieda tar-rabta msemmija li kienet u għadha l-qofol ta' l-identità nazzjonali tagħna. Fil-festa n-nies jersqu lejn xulxin, bi ftit xorb żejjed igħidu l-kliem sabiħ li qatt ma jkunu qalu f'għomorhom, jitgħannqu flimkien u jqisu dik il-ġurnata bħala l-jum tas-sena tagħhom. Kull parroċċa għandha l-istejjer sbieħ x'tirrakkonta dwar dil-ġurnata li ebda okkażjoni mixtieqa oħra ma tisboqha fl-effetti pożittivi li tħalli. Huwa żball li nħarsu lejn il-festa bħala okkażjoni reliġjuża biss, u jkun żball akbar jekk nippruvaw nirrenduha jum mistiku u meditattiv biss. Għall-kuntrarju, dak in-nhar il-fidi ta' ġewwa tittawwal 'il barra u tieħu l-forom ta' soċjetà li tifraħ. Hu kumpliment mill-aqwa għall-fidi nnifisha.


CARINI STORES

IMPORTERS OF
BATHROOM SUITES &
SANTERNO CERAMIC TILES

**435, ST. JOSEPH HIGH ROAD, ST. VENERA.**
**Telephone 440202**